Il-Kummissjoni Ewropea



© gettyimages, Freeartist

# Ir-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali

MALTA

*L-Ewropa għandha liġijiet u politiki ambizzjużi biex tipproteġi l-arja u l-ilma, tippromwovi l-ekonomija ċirkolari, tgħolli r-rati ta' riċiklaġġ u tissalvagwardja n-natura. L-implimentazzjoni ta' dawn hija essenzjali biex nilħqu l-objettivi ambjentali tagħna. Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni Ewropea nediet ir-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali (EIR), għodda li tgħin lill-pajjiżi jindirizzaw ostakoli sistemiċi fir-rigward tal-integrazzjoni ambjentali billi tidentifika l-kawżi tal-implimentazzjoni ħażina. L-EIR jinkludi ċiklu regolari ta' analiżi, djalogu u appoġġ bejn il-pari. Din l-iskeda informattiva tiġbor fil-qosor ir-riżultati tat-tieni pakkett tal-EIR li ġie ppubblikat f'April 2019.*

## Il-profil tal-pajjiż

Malta hija l-iżgħar Stat Membru, l-aktar wieħed urbanizzat u l-aktar wieħed b'popolazzjoni densa. Dawn il-karatteristiċi, kif ukoll l-iskarsezza ta' riżorsi naturali, jimponu sfidi speċifiċi fl-isforzi tagħha biex tilħaq livell għoli ta' ħarsien ambjentali, minkejja li għamlet investiment fl-infrastruttura u fir-regolamentazzjoni ambjentali. Il-kisba ta' bilanċ bejn il-konservazzjoni tan-natura u l-iżvilupp ekonomiku jew l-attivitajiet ta' rikreazzjoni jibqa' sfida iżda l-ħtieġa għal sensibilizzazzjoni pubblika dwar is-sostenibbiltà u l-ambjent qed tiżdied.

## L-EIR 2019 dwar il-progress ewlieni

- Ġie stabbilit in-netwerk terrestri ta' Natura 2000.
- Sar xi progress fil-kwalità tal-arja peress li l-emissjonijiet nazzjonali totali tal-ossidi tal-kubrit (SOx), tal-ossidi tan-nitroġenu (NOx), tal-ammonja ($NH_3$) u PM2.5 komplew jonqsu bejn l-2014 u l-2016.
- Malta tinsab fuq quddiem nett fil-provvista tas-servizzi tal-gvern liċ-ċittadini, filwaqt li tikklassifika fl-ewwel post fl-użu mill-ġdid tal-informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet (formoli mimlija minn qabel) kif ukoll fis-sofistikazzjoni tas-servizzi (tlestija tas-servizz online), u kompliet ittejjeb is-servizzi pubbliċi diġitali tagħha.

### EŻEMPJI TA' PRATTIKA TAJBA MINN MALTA

- Il-kampanja tal-gvern "Don't Waste Waste" (Taħlix l-Iskart) nediet logħba online sabiex tinvolvi lill-pubbliku jifhem aktar dwar il-prattiki tajba ta' mmaniġġjar tal-iskart u l-inizjattivi li jkunu għaddejjin f'Malta u f'Għawdex.
- Bħala parti mil-"Lejla pan-Ewropea tar-Riċerkaturi", fl-2018 il-Festival tax-Xjenza u tal-Arti ta' Malta ffoka fuq iż-żieda tas-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar l-effetti tal-iskart tal-plastik fuq il-pjaneta permezz ta' wirja interattiva.
- Sabiex tittaffa l-konġestjoni fit-toroq, ġiet introdotta skema tat-trasport tal-iskejjel bla ħlas għall-istudenti kollha.
- Il-Ministeru għall-Ambjent, l-Iżvilupp Sostenibbli u t-Tibdil fil-Klima ħoloq paġna tal-Facebook uffiċjali biex iżid is-sensibilizzazzjoni u jħabbar inizjattivi, bħal tindif tal-iskart, li jinvolvu partijiet ikkonċernati differenti u voluntiera.

## L-EIR 2019 dwar l-isfidi ewlenin

### L-immaniġġjar tal-iskart

L-EIR 2019 juri l-ħtieġa għal titjib sinifikanti biex l-immaniġġjar tal-iskart isir konformi mal-ġerarkija tal-iskart. Ir-rata ta' riċiklaġġ hija baxxa wisq, ferm aktar baxxa mill-medja tal-UE, u r-rata tal-landfill għadha għolja wisq, tliet darbiet ogħla mill-medja tal-UE. Skont ir-"Rapport ta' Twissija Bikrija" tal-Kummissjoni (2018), Malta tinsab f'riskju ta' nuqqas ta' konformità mal-mira għall-2020 relatata mar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali ta' 50%. Huma meħtieġa riformi urġenti u azzjonijiet ta' infurzar, b'mod partikolari għall-funzjonament tas-Sistemi ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur u dwar is-separazzjoni tal-ġbir tal-iskart. Malta għad trid tisfrutta l-benefiċċji li jirriżultaw meta l-iskart jinbidel f'riżorsa u meta r-rati ta' riċiklaġġ baxxi jinbidlu f'opportunitajiet ta' negozju.

### Il-kwalità tal-arja

It-tnaqqis tal-emissjonijiet huwa partikolarment urġenti fit-trasport bit-triq, meta jitqies l-għadd dejjem akbar ta' karozzi u l-flotta tal-karozzi li qed tixjieħ. Sar xi progress fl-indirizzar tal-kwalità tal-arja u tal-konġestjoni tat-traffiku. Miżura ewlenija mill-awtoritajiet Maltin hija r-riforma tas-sistema tat-trasport pubbliku li għandha l-għan li tikseb bidla modali lil hinn mill-karozzi. Barra minn hekk, għalkemm l-emissjonijiet nazzjonali totali komplew jonqsu bejn l-2014 u l-2016, huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġu definiti miri u azzjonijiet strateġiċi wara l-2020, b'mod partikolari fir-rigward tal-impenji relatati mat-tnaqqis tal-emissjonijiet stabbiliti fid-Direttiva l-ġdida dwar il-Limiti Nazzjonali tal-Emissjonijiet.

### Il-ħarsien tan-natura

Il-ħarsien tal-ħabitats u tal-ispeċijiet bl-implimentazzjoni sħiħa ta' Natura 2000 u bit-tisħiħ tal-infurzar tad-direttiva dwar in-natura ilu għal żmien twil jippreżenta sfida f'Malta. Filwaqt li n-netwerk terrestri ta' Natura 2000 tlesta, għad iridu jintgħażlu bosta siti marittimi għal għerien sommersi jew parzjalment sommersi. L-istabbiliment ta' objettivi u ta' miżuri ta' konservazzjoni jirrikjedi aktar sforzi. Il-prattiki tal-kaċċa u tal-insib għandhom jiġu allinjati mad-Direttiva dwar l-Għasafar: fil-21 ta'Ġunju 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE ddeċidiet li bl-awtorizzazzjoni tal-qbid ta' seba' speċi ta' sponsun, Malta ma ssodisfatx l-obbligi tagħha skont id-dritt tal-Unjoni.

### Appoġġ bejn il-pari

L-EIR huwa appoġġjat mill-għodda Bejn il-Pari TAIEX-EIR (P2P tal-EIR) li tiffinanzja t-tagħlim bejn il-pari bejn l-awtoritajiet ambjentali fl-Istati Membri. Malta ħadet sehem f'żewġ sessjonijiet ta' ħidma P2P tal-EIR, waħda dwar l-injam u waħda dwar il-pjanijiet għall-kwalità tal-arja.

**Ir-rapport sħiħ tal-pajjiż dwar Malta u r-rapporti tal-pajjiżi l-oħrajn, kif ukoll il-Komunikazzjoni "Environmental Implementation Review 2019: A Europe that protects its citizens and enhances their quality of life" (Ir-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali 2019: Ewropa li tipproteġi liċ-ċittadini tagħha u ttejjeb il-kwalità tal-ħajja tagħhom) huma disponibbli hawnhekk:**

**http://ec.europa.eu/environment/eir/index_en.htm**

#EIReview

EU_ENV

EUEnvironment

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019
© L-Unjoni Ewropea, 2019
L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.


| Print | PDF |
| --- | --- |
| ISBN 978-92-79-99291-9 | ISBN 978-92-79-99292-6 |
| doi:10.2779/926404 | doi:10.2779/60679 |
| KH-04-19-057-MT-C | KH-04-19-057-MT-N |